**QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**

**MAGISTRAT DR. JOSETTE DEMICOLI LL.D**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Kylie Borg)**

**Vs**

**Darren Brincat**

Illum 19 ta' Novembru 2015

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat Darren Brincat, ta' 36 sena, iben Rosario u Emanuela xebba Mercieca, imwieled Pieta' nhar l-5 ta' Novembru 1979, residenti Dar Mark, Triq ix-Xitwa, Qormi u detentur tal-karta tal-identita' bin-numru 521079M:

Talli nhar id-19 ta' Novembru 2015 ghall-habta tan-nofsinhar gewwa Hal Qormi

1. ikkaguna diversi offizi fuq il-persuna ta' Antoine Lawrence Mallia, liema offizi jitqiesu li huma gravi skont kif iccertifikat Dr P. Huhn MD;

Il-Qorti hija mitluba li tohrog ordni ta' protezzjoni ai termini tal-artikolu 412C fejn tiprojbixxi lill-imputat milli javvicina lil Antoine Mallia u r-residenza tieghu kif ukoll il-post li t-tali persuna tiffrekwenta.

Barra minn dan, l-imputat Darren Brincat huwa akkuzat talli rrenda ruhu recediv b'sentenza moghtija mill-Qorti tal-Magistrati Malta, liema sentenza hija definittiva u ma tistax tigi mibdula ai termini tal-artikolu 49 u 50 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat il-kunsens tal-Avukat Generali biex il-kaz jigi trattat bil-procedura sommarja u li l-imputat iddikjara li m'ghandux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi trattat bi procedura sommarja.

Rat li fis-seduta tallum l-imputat irregistra ammissjoni u wara li l-Qorti tatu zmien biex jirrikunsidra l-posizzjoni tieghu kkonferma l-istess ammissjoni.

Semghet is-sottomissjoni dwar il-piena.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Ikkunsidrat

Illi l-imputat ammetta l-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront tieghu u ghaldaqstant dawn gew sodisfjacentement ippruvati.

Illi inkwantu ghall-piena, din il-Qorti qeghda tiehu in kunsiderazzjoni n-natura tal-kaz, l-ammissjoni bikrija, u fuq kollox il-fatt li fil-fehma tal-Qorti l-imputat ghandu bzonn l-ghajnuna.

Ghaldaqstant, il-Qorti wara li rat l-artikoli 49, 50 u 216 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, fuq ammissjoni ssib lill-imputat hati tal-akkuzi migjuba fil-konfront tieghu izda bl-applikazzjoni ta' l-artikolu 7 tal-Kap 446 tal-Ligijiet ta' Malta tpoggih taht ordni ta' probation ghal zmien sentejn (2) skont id-digriet moghti kontestwalment liema digriet jifforma parti integrali minn din is-sentenza.

Inoltre' a tenur tal-artikolu 382A tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta qeghda tohrog Ordni tat-Trazzin fil-konfront tal-imputat ghaf-favur ta' Antoine Lawrence Mallia ghal zmien tlett (3) snin skont id-digriet anness.

Il-Qorti spjegat lill-imputat il-konsegwenzi jekk jikkommetti reat twaqt il-perjodu operattiv ta' din is-sentenza.

Tordna notifika ta' din is-sentenza lid-Direttur ta' l-Ufficcju tal-Probation.

Dr Josette Demicoli LL.D
Magistrat